# Il-Benċmark ta' Tmiem l-Edukazzjoni Primarja

# 2016

## It-Tieni Sessjoni

**Il-Malti:** Il-Fehim mis-Smigħ

**Il-Marki:** 20 marka

**Il-Ħin:** 30 minuta

## L-Ewwel Silta: Ir-Ramel - Ilwien u Ħajja (10 marki)

**Taħriġ A** (5 marki)

**Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel sinjal (✓) fil-kaxxa t-tajba, skont dak li smajt fis-silta.**

**L-ewwel waħda lesta bħala eżempju.**

1. Il-qiegħ ramli fil-baħar Malti hu rari.

VERU ☐ FALZ ☑ MA SSEMMIETX ☐

2. Ir-ramel jista' jkun ta' lwien differenti.

VERU ☐ FALZ ☐ MA SSEMMIETX ☐

3. Ir-ramel li nsibu jiksi l-qigħan ta' taħt l-irdumijiet ikun ta' lewn safrani.

VERU ☐ FALZ ☐ MA SSEMMIETX ☐

4. L-alka mejta ftit li xejn ikollha ħlejjaq jgħixu fiha.

VERU ☐ FALZ ☐ MA SSEMMIETX ☐

5. Il-ħlejjaq li jgħixu fir-ramel ivarjaw skont l-istaġuni.

VERU ☐ FALZ ☐ MA SSEMMIETX ☐

6. Ħafna drabi, il-ħut li jgħix fir-ramel bilkemm ikun jidher fih.

VERU ☐ FALZ ☐ MA SSEMMIETX ☐

## Taħriġ B (5 marki)

**Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel linja taħtha, skont dak li smajt fis-silta.**

**L-ewwel waħda lesta bħala eżempju.**

1. Din is-silta hi dwar
   a) **il-qiegħ ramli.**
   b) il-qiegħ blati.
   ċ) il-qiegħ ramli u blati.

2. Il-parti l-kbira tal-qigħan ramlin tad-daħliet ikollhom ramel ta' lewn
   a) ħamrani.
   b) griż.
   ċ) safrani.

3. L-espressjoni '**daqqa t'għajn**' tfisser
   a) ħarsa ħafifa.
   b) ħarsa fid-dettall.
   ċ) ħarsa qalila.

4. Għall-ewwel, wieħed jista' jaħseb li l-bajjiet
   a) ma jgħix fihom xejn.
   b) huma miżgħuda bil-ħajja.
   ċ) jgħix ħut biss fihom.

5. Il-ħut li jgħix fir-ramel
   a) jixbah lil dak li jgħix fil-blat.
   b) għandu kuluru simili għal dak li jgħix fil-blat.
   ċ) għandu l-ħila jbiddel lewnu bħal dak li jgħix fil-blat.

6. Skont is-silta, l-espressjoni '**l-ilwien ikanġu**' tfisser li l-kuluri
   a) jinbidlu.
   b) jibqgħu l-istess.
   ċ) jisparixxu.

## It-Tieni Silta: Taħli llum, tbati għada! (10 marki)

### Taħriġ A (5 marki)

**Immarka t-tweġiba t-tajba billi tagħmel linja taħtha, skont dak li smajt fis-silta.**

**L-ewwel waħda hija eżempju.**

1. Iż-żrinġijiet ma jgħixux mingħajr
   a) temp sabiħ.
   b) raġġi qliel tax-xemx.
   ċ) <u>ilma</u>.
   d) ikel tal-bnedmin.

2. Meta jingħad li l-bufula s-sewda **tgħarrex u tnemmes** ifisser li
   a) tgħix fix-xagħri maż-żrinġijiet.
   b) tiekol in-nemus biex tgħix.
   ċ) tkun taf dak kollu li qed jiġri.
   d) ma tkunx taf x'qed jiġri madwarha.

3. Ċelesta toqgħod is-sajf kollu
   a) taħli l-ilma.
   b) f'villeġġjatura ħdejn il-baħar.
   ċ) tgħum biss.
   d) rieqda fil-fond.

4. Ċelesta taħli ħafna ilma għax
   a) taħsel xagħarha spiss.
   b) teħtieġu kuljum.
   ċ) hi traskurata fl-użu tal-ilma.
   d) tixrob il-ħin kollu.

5. Darba Ċelesta kienet qed issaqqi l-pjanti fit-terrazzin u

a) ħaffet kemm felħet biex ma taħlix ilma.

b) spiċċalha l-ilma u saqqiet l-għada.

ċ) xebgħet mill-ewwel u ħalliet f'idejn il-ġenituri.

d) użat aktar ilma milli kien imissha.

6. Meta ngħidu '**iddendel il-geddum**' tfisser:

a) tifraħ b'li ġralek u tagħmel li jfettillek.

b) tirrabja ħafna għal dak li jkun ġara.

ċ) tagħmel in-nervi għal dak li jkun ġara.

d) iċċaqlaq geddumek biex turi li ma taqbilx.

## Taħriġ B (5 marki)

**Imla l-vojt b'kelma waħda, skont is-sens tas-silta.**

**L-ewwel waħda lesta bħala eżempju.**

L-ilma hu **<u>riżorsa</u>** importanti. Ħadd ma jista' jgħix mingħajru. Dan għandna ____________________ għall-ħtiġijiet bażiċi tagħna u kif ukoll biex ____________________ l-għelieqi. In-____________________ tibki meta aħna naħlu l-ilma. B'hekk aħna għandna ____________________ l-għejun naturali tagħna għax inkella nkunu qed nonqsu lejn l-____________________ ta' madwarna.

## Tmiem il-karta